# Q O R T I   Ċ I V I L I

## (Sezzjoni tal-Familja)

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**Illum 31 ta' Ottubru 2018**

Rikors Nru. 40 / 2017 GM

Kawza fil-lista: 3

**A B**

**vs**

**C D**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU**

Rat ir-rikors ġuramentat pprezentat mill-attur li permezz tiegħu ippremetta u talab is-segwenti :-

*1. Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fid-disgha (9) ta' Settembru tas-sena 2011, fir-Registru Pubbliku ta' Malta, liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru taz-Zwigijiet bin-numru ta' iskrizzjoni wiehed, tmienja, hamsa, tnejn zbarra tnejn zero wiehed wiehed (1852/2011).*

*2. Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-partijiet li twettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg.*

*3. Peress illi dan iz-zwieg huwa null peress illi l-kunsens ta' l-attur inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.*

*4. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini ta' l-artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghar-ragunijiet premessi ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fid-9 ta' Settembru tas-sena 2011, huwa null u minghajr effett legali ai termini ta' l-*

*artikolu 19 subartikolu (1) paragrafu (d) u (f) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255) tal-Ligijiet ta' Malta.*

*2. Konsegwentement tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-Zwieg relattiv.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuat litjibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat il-vera kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ anness ma' l-istess rikors ġuramentat;

Rat illi minkejja li l-konvenuta ġiet notifikata personalment bir-rikors ġuramentat u l-Avviz ta' Smiegħ fl-10 ta' Marzu 2017, din ma pprezentat ebda risposta ġuramentata u b'hekk baqgħat kontumaċi;

Rat ix-xhieda tal-konvenuta in subizzjoni mogħtija fis-seduta ta' l-24 ta' Lulju 2017 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju nominata mill-Qorti;

Rat ix-xhieda mogħtija minn Monsinjur Philip Calleja fis-seduta ta' l-1 ta' Diċembru 2017 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju nominata mill-Qorti kif ukoll id-dokumenti esebiti minnu;

Rat il-kumplament ta' l-atti u n-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur prezentata fl-4 ta' Ġunju 2018;

**IL-PROVI.**

Illi din hi kawza għal dikjarazzjoni ta' nullita taż-żwieġ kuntrattat bejn il-partijiet fid-disgha (9) ta' Settembru tas-sena 2011, fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Illi l-bazi għat-talba ta' din in-nullita tressqet in konnessjoni ma' l-artikoli 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdu għan-nullita ta' żwieġ fis-segwenti ċirkostanzi u cioe':

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg'.*

*(f) 'jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg'.*

Illi dwar il-provi qabel xejn jiġi nnutat illi din il-kawza hi mibnija fuq il-ftit provi li tressqu li jikkonsistu mix-xhieda tal-konvenuta li tressqet in subizzjoni u tal-Monsinjur Philip Calleja u dokumenti esebiti minnu.

Illi għalkemm fis-sottomissjonijiet tiegħu l-attur jagħmel aċċenn għal xhieda mogħtija minnu, mill-atti din ix-xhieda ma tirrizultax, u fl-ebda seduti li mill-atti jidhru li nzammu quddiem il-Qorti u quddiem l-Assistant Ġudizzjarju nominata minn din il-Qorti ma jidher illi l-attur effettivament xehed.

Illi fix-xhieda mogħtija mill-konvenuta fis-seduta ta' l-24 ta' Lulju 2017 din tagħti x'tifhem li wara li hija u l-attur kienu saru jafu l-xulxin f'Malta, wara li hija kienet ingħatat *temporary humanitarian status*, huma kienu għamlu xi zmien in-Norweġja, fejn hija welldet lil bintha Ifrah. Meta ġew lura Malta peress li skont hi,

ma setgħux jibqaw in-Norveġja, din issostni li marret biex tirreġistra l-wild f'Malta u tagħti x'tifhem li biex tirreġistra lill-istess wild, apparti ċ-ċertifikati min-Norveġja, ingħatat x'tifhem jew fehmet, wara li kellmet lill-Monsinjur Philip Calleja, illi kellha bzonn dokument taz-zwieġ u li skont hi, iz-zwieġ Musulman ma kienx bizzejjed. Issostni fost affarijiet oħra illi:

*"... He wanted a document of our marriage since we got married by the Islam religion in Malta, so we to the mosque and were given the certificate which we gave to Fr Philip Calleja who said we needed a Maltese marriage certificate and that it was enough. So we went and applied to get married at the registry and we got married at the registry. My husband told me that our Islamic marriage was enough but I said that if we wanted our file in Malta then we needed to get married in the registry too. My husband didn't want to get married in the registry but told me that if I wanted to then ok. We did not celebrate our wedding in the registry..."*

Illi effettivament ix-xhieda tal-Monsinjur Philip Calleja, ma tagħmilx referenza għal dak li tispjega din ix-xhud dwar id-diskors li din issostni li kien ingħad fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-wild tagħha anzi sostna li "*setgħu ggibu t-tifla Malta u nghatat l-istess status t'ommha*" – (fol 25);

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Dwar il-kontumacja tal-konvenuta, jigi sottolineat illi l-kontumaċja ma tammontax għal ammissjoni u b'hekk dak allegat u mitlub mill-attur ser ikun qed jitqies a bazi tal-provi li ġew prezentati kif ukoll fid-dawl tal-kumplament ta' l-atti, xhieda u tas-sottomissjonijiet li tressqu.

Illi kif ikkonsidrat minn din il-Qorti fis-sentenza deċiza fit-30 ta' Marzu 2017 fl-ismijiet ***Maria Mallia vs Felix Mallia*** b'mod partikolari b'referenza għall-kawza

fl-ismijiet "***Joseph Vella vs Pierre Cremona***" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru 2003, il-Qorti f'kull kaz dejjem tirrkjedi l-ahjar prova skond l-Artikolu 559 tal-Kap. 12.

Illi minkejja l-kontumaċja tagħha, il-konvenuta tressqet biex tixhed f'din il-kawza u effettivament, ix-xhieda tagħha tista' titqies bħala l-prova prinċipali fuq liema l-attur qed jibbaza t-talbiet tiegħu.

Illi fis-sottomissjonijiet finali tiegħu l-attur jikkontendi li:

*"...huwa qatt ma ried jizzewweg fir-Registru Pubbliku ghaliex ghalih iz-zwieg bil-Moskea kien bizzejjed. Iz-zwieg bil-Moskea mhuwiex zwieg ghal dejjem bhaz-zwieg fir-Registru Pubbliku izda zwieg fejn meta trid u x'hin trid tista' tiddivorzja lill-mara. Ghall-attur iz-zwieg mhux ghal dejjem u ghalhekk qatt ma ried jizzewweg fir-Registru Pubbliku ghaliex huwa gia' kellu l-hsieb li jinhall miz-zwieg mal-mara aktar 'il quddiem. L-attur ikompli jghid illi huwa qatt ma seta' jifhem ghalfejn kellu bil-fors jizzewweg lill-mara fir-Registru Pubbliku biex jaghmlu family file. Huwa ried biss jizzewweg biz-zwieg tal-Moskea. Izzewweg fir-Registru Pubbliku sabiex jakkwistaw il-beneficcji bhal Maltin u xejn izjed."*

Sostna wkoll li meta zzewġu fir-reġistru pubbliku la ghamlu tieg u lanqas honeymoon u li qed jitlob biex iħassar zwieġ li qatt ma ried.

B'referenza għal dak li xehdet il-konvenuta huwa jikkontendi li l-konvenuta ikkonvincietu illi jekk riedu li jkollhom family file u jgawdu minn beneficcji li jgawdu l-Maltin kellhom jizzewgu fir-Registru Pubbliku peress illi zwieg fil-Moskea ma kienx bizzejjed.

Fis-sottomissjonijiet tiegħu l-attur jagħmel referenza għall-fatt li għalkemm il-konvenuta fix-xhieda tagħha sostniet li l-ħtieġa li jizzewġu kienet ġie indikata

lilha mill-Mons Philip Calleja, l-attur jirrikonoxxi li meta dan ix-xhud xehed, dan id-diskors ma ġiex konfermat minnu pero' l-attur isostni li fi kwalunkwe kaz, dan id-diskors dwar il-ħtieġa li jizzewġu fir-reġistru pubbliku kien id-diskors li l-konvenuta qalet lill-attur u konsegwentement l-attur akkwijexxa minħabba dak li kienet qaltlu l-konvenuta u mhux għaliex verament ried li jiżżewweġ biċ-ċivil.

Illi mill-provi skarsi li tresqu ir-raġuni għalfejn il-konvenuta fehmet jew tallega li fhemet illi kien hemm bzonn li jkun hemm żwieġ fir-reġistru pubbliku tibqa' m'hijiex ċara. Tghid illi et hi li kienet ikkonvinċiet lill-attur illi:

*My husband told me that our Islamic marriage was enough but I said that if we wanted our file in Malta then we needed to get married in the registry too. My husband didn't want to get married in the registry but told me that if I wanted to then ok.*

L-attur qed isostni li kien aċċetta li jiżżewweġ lill-konvenuta fir-reġistru pubbliku minħabba dak li kienet qaltlu l-konvenuta. Illi dak li għaldaqstant irid jiġi kkunsidrat hu jekk dan il-fatt huwiex suffiċjenti fil-liġi biex iwassal għal dikjarazzjoni ta' nullita' taż-żwieġ mertu ta' dawn il-proċeduri.

In tema legali ghandu jinghad illi l -ġurisprudenza nostrana konstantement qieset l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku li jeħtieg is-salvagwardji mistħoqqa. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li tnejn li resqu għaċ-ċelebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma izzewgu xejn teħtieg li tigi sorretta minn provi konvinċenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li ċ-ċerimonja segwit ir-rit impost bil-liġi.

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet "***Anna Tonna vs. Alexander Tonna***" deciza fis-6 ta' Novembru 1991 iddikjarat illi:-

*"F'materja ta' żwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriccożament wara xi żmien ta' żwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieg u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerggħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament ragunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieg għandu jigi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-ieħor.*

*Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta cara u mingħajr dubju."*

Issir ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet *"**Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia**"* deciza fit-28 ta' Lulju 1987:-

*"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett……….Ghall-Qorti nnullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament".*

Illi tenut kont ta' dawn il-prinċipji, din il-Qorti sejra issa tikkonsidra z-zewġ raġunijiet a bazi ta' liema qed tintalab in-nullita taż-żwieġ odjern b'referenza għall-artikoli 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi qabel xejn pero' jiġi mfakkar illi kif ritenut diversi drabi b'referenza għal dawn iz-zewġ kawzali fosthom fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Zammit vs***

***Bernardette Zammit*** deċiza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Jannar 2006 (Appell Ċivili Numru 7/2002/2):

*20. Is-subinciz (d) fuq imsemmi jsemmi wkoll li zwieg ikun null jekk ikun affettwat b'anomolija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Ta' min jenfasizza hawn li l-ligi taghna tirrikjedi li l-anomalija psikologika tkun tali li taghmilha impossibli u mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg jew inkella li jassumi l-istess obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*21. Rigward id-dispozizzjoni kontenuta fis-subinciz (f) fuq imsemmi, biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jenhtieg li jigi provat sodisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg u din l-eskluzjoni tkun saret b'att pozittiv tal-volonta` ta' dik il-parti.*

B'mod partikolari l-istess sentenza tissottolinea illi:

*Huwa evidenti li din id-dispozizzjoni tirraviza sitwazzjoni ta' simulazzjoni u ghandu jigi enfasizzat li nullita` ta' zwieg bazata fuq ilkawzali ta' simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawzali bazata fuq nullita` ta' zwieg minhabba nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. L-inkomplattibbilita` bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog fil-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju timplika inkapacita` li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawzali ta-ssimulazzjoni tenhtieg li jkun hemm tali kapacita` intellettwali, proprju l-att pozittiv tal-volonta` li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali.*

"***George Baldacchino vs Yingchun Duan***" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Dicembru 2010 (Appell Ċivili Numru 158/2007) :

*"It should be noted from the outset that, technically, this case should not have been discussed on its merits, as the two grounds put forward to support a claim for nullity cannot stand together and mutually exclude each other. While claiming that the spouses had sufficient discretion to exclude an intention to marry( simulation), plaintiff is automatically excluding the grounds of lack of discretion; similarly, while claiming a lack of discretion, he is automatically rebutting the ground under paragraph (f), as this implies a positive act of discretion to exclude marriage".*

Illi għalkemm l-attur jikkonsidra li l-fatti li skont hu jirrizultaw, jistgħu jagħtu lok għal pronunzjament ta' annullament skont iz-zewġ kawzali, tenut kont ta' dawn il-prinċipji li għadhom kemm issemmew, iż-żewġ kawżali li tressqu jridu jiġu kkonsidrati separament minn xulxin.

**ARTIKOLU 19 (1) (d)**.

Issir referenza ghas-sentenza "***Melanie Borg Cachia vs C Borg***" moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Mejju 2003 dwar is-subinciz(d) :

*"B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas ta' discretio judici huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.*

*Illi l-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett jrid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga".*

Kif indikat fin-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attur innifsu:

*“... b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta’ immaturita’ li parti jew ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku* ***(Nicholas Agius vs Rita Agius gia’ Caruana*** *– PA (VDG) tal-25 ta’ Mejju 1995).*

*Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita’ shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta’ discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita’ ta’ parti jew l-ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.”*

Illi dwar l-ewwel kawzali taht l-artikolu 19 (1) (d), fil-waqt li l-attur fis-sottomissjonijiet tiegħu jagħmel referenza għal diversi sentenzi li ingħataw fir-rigward, f’dak li jikkonċerna l-mertu jonqos milli jispjega b'mod car b'liema mod gie ppurvat f'dawn il-proceduri d-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Bażikament isostni li huwa ried biss jizzewweg biz-zwieg tal-Moskea u li kien izzewweg fir-Registru Pubbliku sabiex hu u l-konvenuta jakkwistaw il-benefiċċji bħal Maltin kif ukoll li skond hu, iz-zwieg fil-Moskea m’huwiex zwieg ghal dejjem bħaz-zwieg fir-Registru Pubbliku. Qal ukoll illi ghalih iz-zwieg mhux ghal dejjem u ġia’ kellu l-hsieb illi jinhall miz-zwieg mal-mara aktar ‘il quddiem.  Dan mhux difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju.

Għalkemm sostna li għamel dan kollu għaliex il-konvenuta kienet ikkonvinċietu li kellhom bżonn jiżżewġu biċ-ċivil biex jakkwistaw xi benefiċċji li setgħu kienu konnessi mat-twelid ta’ binthom pero’ anki dan il-punt ftit li xejn kien wieħed ċar jew ipprovat, kif anki ser jiġi spjegat aktar ‘l isfel f’din is-Sentenza.

Illi effettivament apparti dawn is-sottomissjonjiet u x-xhieda qasira tal-konvenuta, ftit li xejn jirrizulta bħala provi li b’xi mod jagħtu sostenn b’mod oġġettiv għal dak sostnut mill-attur.

Il-Qorti qed tikkonkludi illi ma giex pruvat li fil-kaz odjern il-kunsens kien vizjat b' difett serju ta’ diskrezzjoni jew raġuni oħra li trendi applikabbli dak provdut fl-artikolu 19 (1) (d). Dan qed jingħad mhux biss minħabba nuqqas ta’ provi izda wkoll għaliex meta żżewġu fir-reġistru pubbliku, il-partijiet kienu ilhom jafu lil xulxin minn Ġunju jew Lulju 2006, kienu siefru n-Norveġja flimkien u kellhom tifla flimkien u żżewġu ħames snin wara fis-sena 2011 u b’hekk kienu ilhom jafu lil xulxin sew qabel ma għamlu l-pass li għamlu biex jiżżewġu wkoll ċivilment.

**ARTIKOLU 19 (1) (f)**.

Issir referenza ghas-sentenza ***(“Joseph Zammit vs Bernardette Zammit”*** moghtija mill-Qorti tal-Appell fis- 27 ta’ Jannar 2006):

*“Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili, u cjoe’ li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta’ kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti tal-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni, u cjoe’ li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-sub-inciz (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jehtieg li jigi ppruvat sodisfacentement li zzewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg u din l-eskluzzjoni tkun saret b’att pozittiv tal-volonta ta’ dik il-parti.”*

*Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni ghalkemm kien ser jippartecipa fic-certimonja taz-zwieg huwa*

*kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fis-sentenza "Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard" (Prima' Awla - ta' Marzu 2000) inghad:*

*"Il-kunsens taz-zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u bejniethom jikkreja shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin,"*

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wahda mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kkapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg, pero bl-atti tieghu qabel u fil-bqija tal-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga..........jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskluda xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga..."*

Illi b'referenza għas-suespost, għandu jirrizulta li dak li qed isostni l-attur f'din il-kawza hu li l-kunsens tiegħu fil-mument tal-kuntrattazzjoni taz-zwieg tal-partijiet kien simulat u li l-unika skop li kellu l-attur meta attenda għaċ-ċerimonja taż-żwieg mal-attriċi ma kienx li jiżżewweġ lill-konvenuta sabiex dawn jiċċelebraw l-unjoni tagħhom ta' żwieġ ċivili għar-raġunijiet veri li għandhom iwasslu żewġ persuni sabiex jiżżewġu legalment izda aċċetta li jizzewġu għaliex il-konvenuta kienet tagħtu x'jifhem li dan ikun utli jew konness mal-permanenza tagħhom f'Malta jew għal raġunijiet jew benefiċċji oħra konnessi mal-binthom.

Kif gie dikjarat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet ("***Joseph Zammit vs Bernardette Zammit***" – Qorti tal-Appell – 27 ta' Jannar 2006 ċitata supra):

*"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili u cioe' li ż-żwieg bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk*

*huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cjoe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."*

Illi fil-kaz odjern, il-provi li tressqu kienu minimi għall-aħħar, u għalkemm l-attur isostni li għalieh iz-zwieg mhux ghal dejjem u li qatt ma ried jizzewweg fir-Registru Pubbliku ghaliex huwa ġia' kellu l-ħsieb li jinħall miz-zwieg mal-mara aktar 'il quddiem, ma tressqet l-ebda prova konvinċenti f'dan ir-rigward..

Anzi wieħed jinnota li effettivament hemm indikazzjonijiet li l-partijiet għadhom qed jgħixu flimkien tant li n-notifika ta' l-atti u l-indirizz li ġie ndikat mill-attur bħala l-indirizz tiegħu fir-rikors ġuramentat u l-indirizz tal-konvenuta fl-istess rikors huma l-istess!

Barra minnhekk, kif diġa spjegat aktar kmieni, jirrizulta li l-partijiet kienu ilhom jafu lil xulxin minn Ġunju jew Lulju 2006, kienu siefru n-Norveġja flimkien u kellhom tifla flimkien u żżewġu ħames snin wara fis-sena 2011 u b'hekk kienu ilhom jafu lil xulxin sew qabel ma għamlu l-pass li għamlu biex jiżżewġu wkoll ċivilment. Jirrizulta wkoll li qabel ma żżewġu ċivilment huma żżewġu wkoll fil-Moskea u b'hekk jidher illi l-partijiet kienu diġa' f'relazzjoni ta' ċertu tul u serjeta' qabel iż-żwieġ ċivili irrispettivament mid-differenzi li hemm bejn ir-rit u tifsira ta' żwieġ Musulman u dak Ċivili.

Illi tenut kont ta' dak kollu hawn fuq ikkonsidrat, il-Qorti qed tiddeciedi illi l-attur ma sehlux jressaq provi sodisfacenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju sabiex l-allegazzjoni imsejsa fuq l-Artikolu 19 (1) (f) tkun ikkonsidrata ippruvata.

**DECIDE**

**Għal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tiċħad it-talbiet kollha tal-attur.**

**Bl-ispejjez kontra l-istess attur.**

| | |
|---|---|
| **Onor. Robert G. Mangion** | **Lydia Ellul** |
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |